



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 11.7.2007
KUMM(2007)406 finali

2007/0139(ACC)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jiftaħ kwoti tariffarji Komunitarji awtonomi u tranżitorji
għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw fl-Iżvizzera**

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerè fi prodotti agrikoli¹ japplika direttament għall-Unjon Ewropea mkabbra. Madankollu, iċ-ċirkolazzjoni tal-kummerè skond il-preferenzi mogħtija taħt l-arranġamenti bilaterali li kienu jeżistu qabel bejn l-Iżvizzera u l-Bulgarija u r-Rumanija rispettivament għandha tkompli. Għalhekk jeħtieġ li l-konċessjonijiet bilaterali fil-kummerè stipulati fl-Annessi 1 u 2 ta' dan il-Ftehim jiġu adattati. Sakemm jintemmu l-proċeduri bilaterali għall-emendar tal-Ftehim, hemm il-bżonn ta' miżuri awtonomi u tranżitorji, sabiex jiżguraw li l-benefiċċju tal-kwota jkun disponibbli.

Il-minuti miftehma u inizjalati mir-rappreżentanti tal-Komunità Ewropea u l-Iżvizzera fit-2 ta' Mejju 2007, b'mod partikolari jbassru konċessjonijiet Komunitarji għall-frawli, *chard* u kardun li jeħtieġu li l-proċeduri għall-ġestjoni ta' kwoti jiġu adottati skond id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità².

Għalhekk qed jiġi propost li l-Kunsill jadotta l-miżuri awtonomi u tranżitorji mehmuża mingħajr dewmien, biex jiftaħ kwoti tariffarji Komunitarji ġodda għall-importazzjoni ta' frawli, *chard* u kardun li joriġina fl-Iżvizzera.

¹ ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132, kif emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni Nru 3/2005 tal-Kumitat Konġunt għall-Agrikoltura (ĠU L 346, 29.12.2005, p. 33).

² ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 214/2007 (ĠU L 62, 1.3.2007, p. 6).

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jiftaħ kwoti tariffarji Komunitarji awtonomi u tranżitorji għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw fl-Iżvizzera

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni³,

Billi:

- (1) Wara l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija għall-Unjoni Ewropea, iċ-ċirkolazzjoni tal-kummerċ agrikolu skond il-preferenzi mogħtija qabel taħt l-arranġamenti bilaterali bejn iż-żewġ Stati Membri u l-Iżvizzera għandha tinżamm. Il-Komunità u l-Iżvizzera qablu li jipproċedu bl-adattament ta' konċessjonijiet tariffarji fi ħdan il-qafas tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli⁴, minn hawn 'il quddiem il-Ftehim, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002. L-adattament ta' dawn il-konċessjonijiet ser jinkludu l-ftuħ ta' kwoti tariffarji Komunitarji għodda għall-importazzjoni ta' frawli (kodiċi tan-NM 0810 10 00), pitravi *chard* (jew pitravi zokkrija) u kardun (kodiċi tan-NM 0709 90 20) li joriġinaw fl-Iżvizzera.
- (2) Il-proċeduri bilaterali għall-adattament tal-konċessjonijiet fl-Annessi 1 u 2 tal-Ftehim se jieħdu ż-żmien. Sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-benefiċċju tal-kwota sakemm dak l-adattament jidħol fis-seħħ, jixraq li dawn il-kwoti tariffarji jinfetħu fuq bażi awtonoma u tranżitorja. Sabiex jiġi żgurat li l-partijiet ikollhom ħin biżżejjed biex jiffinalizzaw il-proċeduri bilaterali u jimplementaw il-miżuri, qed jiġi propost li dawn il-kwoti tariffarji jinfetħu sal-31 ta' Diċembru 2009.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju⁵ jipprovdi sistema għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji. Il-kwoti tariffarji miftuħa b'dan ir-Regolament għandhom jiġu amministrati mill-awtoritajiet Komunitarji u mill-Istati Membri skond dik is-sistema.

³ ĠU ... C ..., p.

⁴ ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132, kif emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni Nru 3/2005 tal-Kumitat Konġunt għall-Agricoltura (ĠU L 346, 29.12.2005, p. 33).

⁵ ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 214/2007 (ĠU L 62, 1.3.2007, p. 6).

- (4) Ir-regoli ta' l-oriġini tal-prodott li huma rregolati bl-Artikolu 4 tal-Ftehim għandhom japplikaw,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Kwota tariffarja Komunitarja mingħajr dazju għal prodotti tal-kodiċi tan-NM 0810 10 00 li joriġinaw fl-Iżvizzera qiegħda hawnhekk tinfetaħ kull sena, fuq bażi awtonoma u tranżitorja, għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru.
In-numru ta' l-ordni tal-kwota għandu jkun 09 0948. Il-volum annwali għandu jkun ta' 200 tunnellta piż nett.
2. Kwota tariffarja Komunitarja mingħajr dazju għal prodotti tal-kodiċi tan-NM 0709 90 20 li joriġinaw fl-Iżvizzera qiegħda hawnhekk tinfetaħ kull sena, fuq bażi awtonoma u tranżitorja, għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru.
In-numru ta' l-ordni tal-kwota għandu jkun 09 0950. Il-volum annwali għandu jkun ta' 300 tunnellta piż nett.
3. Fl-2007, il-kwoti tariffarji li huma rregolati bil-paragrafi 1 u 2 għandhom jinfetħu għall-perjodu mill-jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru, għall-volumi annwali sħaħ irregolati bil-paragrafi 1 u 2.
4. Il-kwoti tariffarji rregolati bil-paragrafi 1 u 2 għandhom jagħlqu fil-31 ta' Diċembru 2009.
5. Ir-regoli ta' l-oriġini li huma pprovduti fl-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli għandhom japplikaw għall-prodotti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 2

Il-kwoti tariffarji rregolati bl-Artikolu 1 għandhom ikunu amministrati mill-Kummissjoni skond l-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Settembru 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI LI
JKOLLHOM IMPATT BAĠITARJU LIMITAT ESKLUSSIVAMENT GĦALL-
INTROJTU

1. ISEM IL-PROPOSTA

Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jiftaħ kwoti tariffarji Komunitarji awtonomi u tranżitorji għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw fl-Iżvizzera.

2. LINJI TAL-BAĠIT

Kapitolu 10 – Artikolu 100: Dazji agrikoli
Ammont allokat għas-sena finanzjarja 2007: EUR 1 486,7 miljun

3. IMPATT FINANZJARJU

- Il-proposta m'għandha l-ebda impatt finanzjarju
- Il-proposta m'għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq l-infiq, imma għandha impatt finanzjarju fuq l-introjtu – l-effett huwa kif ġej:

€ miljuni

Linja tal-baġit	Introjtu ⁶	Sena 2007
Artikolu 100	<i>Impatt fuq ir-riżorsi proprji</i>	-0,004
Artikolu ...	<i>Impatt fuq ir-riżorsi proprji</i>	

Is-sitwazzjoni wara l-azzjoni				
	2008	2009	2010	2011
Artikolu 100	-0,004	-0,004		
Artikolu ...				

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

—

5. RIMARKI OĦRA

Il-livell attwali ta' importazzjoni ta' dawn iż-żewġ prodotti, li ġejjin mill-Iżvizzera, huwa baxx, u għalhekk l-impatt finanzjarju tal-miżura mhux sinifikanti.

⁶ F'dak li għandu x'jaqşam ma' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji agrikoli, imposti fuq iz-zokkor, dazji doganali) jeħtieġ li l-ammonti indikati jkunu ammonti netti, jigiġifieri ammonti grossi wara t-naqqis ta' 25% ta' l-ispejjeż tal-ġbir.